KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: www.sliema-malta.com

**MINUTI TAS-SEDUTA NRU. 48** **IS-SITT KUNSILL**

It-tmienja u erbgħin seduta tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet **il-Ġimgħa 30 ta' Settembru, 2011** fis-5.48 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

**PREŻENTI**

Is-Sindku Johanna Gonzi, il-Viċi Sindku Cyrus Engerer, l-Kunsilliera Marianne Aquilina, Yves Cali, Edward Cuschieri, Martin Debono u Patrick Pace.

**APOLOĠIJI (Skont Ord. Perm. 14(3))**

Il-Kunsilliera Sandra Camilleri, Nikki Dimech, Julian Galea u Nicolai Gauci avżaw li ma setawx jattendu minħabba raġunijiet personali.
Il-Kunsill ikkunsidra l-apoloġija tal-Kunsilliera msemmija bħala raġonevoli.

**UFFIĊJALI PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Svetlana Curmi
L-Assistant Principal Stefania Friggieri
Is-Sur Chris Galea, Uffiċjal Monitoring Unit, Dipartiment għal Gvern Lokali

Is-Sindku ppresediet.

**48.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Minuti**

**48.1.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 37 tal-11 ta' Mejju, 2011**

*48.1.1.1* Is-Sindku reġgħet ressqet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 37 tal-11 ta' Mejju, 2011 minħabba li ma kienux ġew approvati fis-Seduta tal-Kunsill minħabba li zewg

Kunsilliera riedu jisimghu il-*voice recorder* qabel japprovaw il-Minuti. Il-Kunsillier P. Pace qal li m'hemmx bżonn li jisma r-*recording*.

*48.1.1.2* Is-Sindku qalet li l-Kunsillier S. Camilleri ma ġietx tisma' r-*recording* fl-uffiċċju tal-Kunsill.

*48.1.1.3* Is-Sindku pproponiet li jigu approvati l-minuti tas-seduta 37 tal-11 ta' Mejju 2011. Il-Kunsillier E. Cuschieri issekonda. Is-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Viċi Sindku astjena.

*48.1.1.4* Il-Minuti gew approvati b'sitt (6) voti favur.

***Kien hemm qbil unanimu li l-Agenda tiġi sospiża biex tkun diskussa l-attivita u t-tizjin tat-toroq għall-Milied.***

48.1.2 Is-Sindku spjegat kif il-Kunsill kien iddeċieda li jorganizza attivita tal-Milied simili jew aħjar minn tas-sena l-oħra. Qalet li dwar it-tiżjin fit-toroq il-Kunsill kien diga ħa deċiżjoni wara li kien kellu laqgħa mas-*Sliema Business Community* u mas-Segretarju Parlamentari. Fakkret li waqt din il-laqgha rapprezentanti tas-*Sliema Business Community* qalu li huma kienu kapaci joħorgu b'tiżjin aħjar minn dak li għamel il-Kunsill. Qalet li għalhekk il-Kunsill ħa decizjoni li jżejjen it-toroq vicin il-knejjes parrokkjali fiz-zona residenzjali li kienu ġew indikati mill-Viċi Sindku f'seduta precedenti permezz ta' pjanta li kien ħejja.

*48.1.2.1* Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali u M. Debono ltaqgħu mar-rappreżentanti ta' *Sliema Business Community* it-Tnejn 26 ta' Settembru 2011 fejn ikkonsidraw li l-Kunsill iżejjen inqas toroq residenzjali u jżid dawk kummerċjali minflok.

*48.1.2.2* Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li permezz li għadom m'għaddewx is-sitt xhur mid-deċiżjoni li l-Kunsill ħa dwar liema toroq se jiġu mżejna għandha tittieħed riżoluzzjoni speċjali.

*48.1.2.3* Il-Viċi Sindku irrimarka li kien hemm qbil li s-*Sliema Business Community* ghandhom jaraw li tizdied il-kontribuzzjoni minn tal-hwienet. L-ispiża totali għat-tiżjin għandha tkun madwar €40,000 u l-vot tal-Kunsill ghal din l-attivita ma ghandux jeccedi is-somma ta' €20,000.

*48.1.2.4* Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li s-sejha ghall-offerti kienet inħarġet u ghalhekk il-Kunsill seta jikkunsidra li jemenda l-lista tat-toroq.

*48.1.2.5* Il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera M. Aquilina nfurmaw lil Kunsill li se jhejju riżoluzzjoni speċjali biex tiġi riveduta d-deċiżjoni tal-Kunsill biex temenda l-lista tat-toroq li jinsabu fl-offerta.

***Il-Kunsillier M. Debono daħal għas-seduta fis-5.55 ta' fil-għaxija.***

*48.1.2.6* Kien hemm qbil li r-rizoluzzjoni specjali għandha tiġi mressqa ghad-diskussjoni fis-seduta ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011.

*Kien hemm qbil unanimu li l-laqgħa tiġi sospiża fis-6 ta' filgħaxija għal biex issir diskussjoni mar-rappreżentanti tas-Sliema Business Community.*

*Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat fis-6.02 ta' filgħaxija u daħal lura fis-6.05 ta' filgħaxija*

*Il-laqgħa tkompliet bil-procedimenti tagħha fis-6.07 ta' filgħaxija*

Il-Viċi Sindku rrimarka li hu kien talab għall-minuti tal-laqgħa li kienet saret mas-Sinjura Grace Borg biex ikunu jistgħu jiġu ċċirkulati għal din il-laqgħa u qal li dawn baqgħu ma ntagħbtux. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lil Kunsill illi minhabba nuqqas ta' rizorsi u cirkostanzi relatati dan ma kienx possibli kif ukoll li ma kienx anticipat li dan is-suggett se jigi diskuss fil-laqgha peress li ma kienx fuq l-Agenda.

**48.1.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 37 tal-11 ta' Mejju, 2011**

*48.1.3.1* Is-Sindku reggħet ressqet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 41 (kont. 2), tal-21 ta' Lulju 2011, liema minuti ma kienux ġew approvati mill-Kunsill fis-seduta tat-22 ta' Awwissu 2011.

*48.1.3.2* Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsilliera preżenti li skont korrispondenza li l-Kunsill ircieva mid-Dipartiment għal Gvern Lokali, l-minuti ma jistgħux ma jiġux approvati iżda jekk hemm bżonn jiġu emendati u jiġu approvati bl-emendi.

*48.1.3.3* Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera prezenti li dan is-sett minuti ma jiġix approvat waqt din is-seduta izda jkun trasferit għal agenda oħra biex il-Kunsilliera jkollhom il-ħin biex jaqrawhom. Is-Sindku qalet li kull darba li l-Kunsill ma japprovax il-minuti dawn jibqgħu jakkumulaw minn seduta għal oħra, specjalment minhabba li kienu saru hafna laqghat f'qasir zmien.

**48.1.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 42 *ad hoc* tat-3 ta' Awwissu, 2011**

*48.1.3.1* Is-Sindku ressqet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-Seduta 42 *ad hoc* tat-3 ta' Awwissu 2011.

*48.1.3.2* Il-Kunsillier P. Pace ippropona emenda ghal dawn il-minuti fejn talab biex jitnizzel bhala skużat. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, E. Cuschieri u M. Debono ivvotaw favur.

*48.1.3.3* Kien hemm diskussjoni dwar in-numru ta' settijiet ta' minuti li kellhom jigu approvati meta mqabbal mal-perjodu ghad-dispozizzjoni tal-Kunsilliera biex jaqrawhom.

48.1.4 Is-Sindku ppproponiet li peress li mhux kulħadd qara l-minuti, item 1 approvazzjoni tal-minuti u item 2 materji konnessi mal-minuti jiġu trasferiti għal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011. Il-Viċi Sindku ssekonda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri u P. Pace ivvotaw favur. Il-Kunsillier M. Debono astjena.

## 48.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Is-Sindku ressqet ghall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill kopja tal-ftehim propost mill-MEPA biex tithallas il-kumpanija *Polidano Bros* ghal xoghol ta' rikostruzzjoni ta' Triq Qui-Si-Sana. Is-Sindku fakkret li dan il-progett hu ffinanzjat mill-UIF, u li f'dan ir-rigward kien gie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill u l-MEPA. Spjegat illi minhabba ftehim partikolari fir-rigward tal-metodu tal-hlas, il-Kunsill kien gie dirett sabiex jidhol ghal ftehim iehor u li ghandu jigi iffirmat mill-MEPA, il-Kunsill, *Polidano Bros* u *Gap*.

*48.3.1.1* Is-Sindku qrat il-ftehim propost mill-MEPA ***"Doc A" anness ma' dawn il-minuti***. Qalet li ntalab il-parir tal-Avukat tal-Kunsill li nfurmat lill-Ufficcju Amministrattiv li m'hemm xejn illegali fih u li ghaldaqstant jista' jigi ffirmat.

*48.3.1.2* Is-Sindku ippproponiet biex dan il-ftehim jiġi ffirmat. Ħadd ma ried jissekonda din il-proposta u ghaldaqstant il-proposta waqghet.

48.3.2 F'dan l-istadju tqajjmet diskussjoni dwar l-attivita li l-Kunsill kien se jorganizza mas-*Sliema Wanderers*. Fuq mistoqsija tal-Vici Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv qalet li minhabba n-natura tad-decizjoni li kellha tittiehed dwar din l-attivita kien idonju li r-risposta mid-Dipartiment ghal Gvern Lokali kif ukoll il-mistoqsija tieghu dwar il-format tal-poster tkun diskussa waqt laqgha tal-Kunsill.

*48.3.2.1* Kien hemm diskussjoni dwar id-disinn tal-*poster* ta' din l-attivita li tressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill. Kien hemm qbil li l-poster u kull promozzjoni oħra kellha tinbidel biex tindika li din l-attivita qed tkun organizzata mill-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' *Sliema Wanderers*. Dan ghaliex il-*poster* kien qed jindika li l-Kunsill huwa biss parteċipant u mhux l-organizzatur. Il-Viċi Sindku informa li kien bagħat email lill-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv dwar dan il-problema peress jidher li ma ngħatatx [illegible]

*48.3.2.2* Is-Sindku ippropponiet li l-*poster* għandu jinbiddel biex il-Kunsill ikun konformi mal-proċeduri tal-kunsilli lokali. Ipproponiet ukoll li jekk ma jsirux l-emendi mehtiega l-Kunsill ma jipparteċipax f'din l-attivita. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

*48.3.2.3* Ġie diskuss ukoll li *sponsors* oħra ta' din l-attivita għandhom jitniżżlu bħala kumpaniji u mhux bħala persuni individwali.

48.3.3 Tressqet ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mibghuta mill-kumpanija *Vodafone* għal talba biex issir attivita fi Triq Bisazza s-Sibt l-1 ta' Ottubru u t-Tnejn 3 ta' Ottubru 2011.

***Il-Kunsillier P. Pace ġie skużat li joħroġ ftit mis-seduta fis-7.05 ta' filgħaxija.***

*48.3.3.1* Kien hemm qbil fost il-Kunsilliera preżenti li l-muzika m'ghandix iddum iktar mill-ħdax ta' bil-lejl kif ukoll li l-organizzaturi ghandhom ikunu mgharrfa bil-kundizzjonijiet imposti ghall-uzu ta' Triq Bisazza. Ġie nnotat ukoll li t-tapit l-aħmar propost mill-organizzaturi m'għandux ikun ta' xkiel fil-hinijiet ta' *loading/unloading* tal-hwienet. Il-Kunsilliera preżenti qablu li għandha tintalab garanzija bankarja.

***Il-Kunsillier P. Pace daħal lura għas-seduta fis-7.13 ta' filgħaxija.***

48.3.4 Tressqet ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill korrispondenza mibghuta mill-MEPA b'referenza 143734 għal ħlas ta' €679.82 għat-tkomplija tal-applikazzjoni għal proġett ta' restawr tax-xelters f'Dingli Circus. Is-Sindku pproponiet li jsir dan il-ħlas. Il-Viċi Sindku ssekonda. Is-Sindku, Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

48.3.5 Tressqet stima mill-kumpanija *Light Sound Vision* għal kiri ta' *projector* biex jintuza għall-attivita tal-Kunsill ma' *Sliema Wanderers*.

*48.3.5.1* Il-Kunsill rega ddiskuta l-partecipazzjoni tieghu f'din l-attivita. Kien innutat li l-Kunsill kien se jiehu hsieb ix-xiri tat-t-shirts u mhux trofew. Il-Kunsill innota li l-proposta originali tieghu kienet li jinxtara trofew. Ġie nnutat ukoll li xi membri tal-Kunsill ħassewhom urtati li l-Kunsill ma ġiex ikkonsultat qabel ma' kien iffinalizzat il-programm u l-organizzazzjoni ma saritx kif kien miftiehem. Il-Kunsill rega' nnota li hemm il-possiblita li dan mhux konformi mal-liġi minhabba l-mod ta' kif kien iddisinjat il-poster.

*48.3.5.2* F'dan l-istadju il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-Kunsill jirtira l-parteċipazzjoni tieghu f'din l-attivita.

48.3.6 Tressqet ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill applikazzjoni mill-kumpanija GO għal xoghol ta' tiswijiet fi Triq Sant' Enriku. Il-Kunsill qabel li l-Perit Vassallo għandu jipprepara l-kundizzjonijiet mehtiega kif ukoll il-Kunsill għandu jzid kundizzjoni oħra li tgħid li meta jsiru trinkek f'toroq li jkunu gew asfaltati fl-aħħar ħames snin it-*top layer* jiġi asfaltat tul il-wiesgħa tat-triq kollha u mhux tul il-wiesa' tat-trinka biss. Kien hemm qbil unanimu.

48.3.7 F'dan l-istadju l-Kunsill iddiskuta il-hidma tal-Perit Vassallo fir-rigward tal-obbligi tieghu skont il-kuntratt u x-xoghol mitlub mill-Kunsill. Mistoqsija jekk il-Perit kienx wettaq ix-xoghlijiet mitluba minnhu mill-Kunsill, is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-Perit Vassallo ccertifika x-xoghlijiet mwettqa mill-kumpanija Polidano Bros u mill-kumpanija Tony Aquilina Ltd, kif ukoll ghamel spezzjoni fi Triq Viani u Triq Ġaċintu kif mitlub mill-Kunsill.

*48.3.7.1* Tressqet ghall-attenzjoni tal-Kunsill ir-risposta tal-Perit Vassallo ghat-talba tal-Kunsill biex isir rapport dwar l-istat tal-pont fi Triq il-Kullegg l-Antik. Kien innutat li l-Perit Vassallo qal li perjodu ta' gimgha ma kienx bizzejjed biex isir studju estensiv.

*48.3.7.2* Il-Kunsilliera preżenti fehmu li l-Perit għandu bżonn ammont ta' ħin izda qablu li dan ir-rapport ghandu jinghata l-importanza mehtiega minhabba ragunijiet ta' sahha u sigurta.

*48.3.7.3* Il-Kunsillier M. Debono ppropona li jsir shoring fuq il-pont għas-sigurtà tal-pedonali u s-sewwieqa. ~~Il-Kunsillier M. Debono ppropona li titwahhal tabella li tindika li hemm periklu taht il-pont.~~ Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta b'mod unanimu iżda qabel ukoll li għandu jitlob parir tal-Avukat biex tissuġġerixxi l-kliem għal din it-tabella. ~~Il-Kunsillier M. Debono ppropona~~

*48.3.7.4* Il-Kunsillier P. Pace talab kopja tar-rapport mibghut mill-MRRA dwar l-istat tal-pont. Kien innutat li s-Segretarju Eżekuttiv kienet diga baghtat dan ir-rapport lill-Kunsilliera kollha permezz tal-posta elettroniku.

*48.3.7.5* Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll b'mod unanimu li l-Perit tal-Kunsill għandu jintalab stima ta' *shoring* għal pont li eventwalment tintbgħat lit-TM.

48.3.8 Tresset ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill Memo 87/2011. Il-Kunsillier Y. Cali qal li għandu progett li jista jitwettaq permezz ta' din il-Memo. Il-Kunsillier Y. Cali għandu jressaq il-proposta tiegħu għall-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011. Il-Kunsill kien infurmat li l-applikazzjoni ghal progetti taht din l-iskema tagħlaq fl-20 ta' Ottubru, 2011.

48.3.9 Tresset ghal kunsiderazzjoni tal-Kunsill Memo 89/2011 dwar attivitajiet organizzati mill-kunsilli lokali b'risq il-*Malta Community Chest Fund*. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill jerġa jorganizza *Charity Swim* simili ghall-attivita tas-sena precedenti. Il-Kunsill għandu jikkomunika mal-kumpanija *Thomas Smith*.

48.3.10 Tressqet komunikazzjoni dwar l-ammont ta' skart li qegħdin iħallu r-residenti tal-Piazzetta. Kien innutat li skont uffiċċjali tal-MEPA, is-sidien tal-Piazzetta m'għandux permess għal *swill room*. Il-Kunsill kien infurmat li rcieva diversi lmenti dwar l-iskart mormi fi Piazzetta u li kien diġa kkomunika mas-sidien dwar il-problema. Wara diskussjoni dwar jekk din is-*swill room* għandiex titnehha jew le minhabba riperkussjonijiet, fost ohrajn skart mormi fuq il-bankina dejjqa ta' quddiem il-Piazzetta ghad-detriment

tal-pedonali, il-Kunsilliera preżenti qablu b'mod unanimu li l-Kunsill għandu jikteb lis-sidien ta' din il-propjeta li s-*swill room* għandha tkun skont il-Ligi u ma tikkostitwix periklu ta' sahha.

48.3.11 Il-Kunsillier Y. Cali ppropona li għall-edizzjoni tal-*magazine* li jmiss biss, cioe għall-*magazine* li hiereg għal zmien il-Milied, l-ammont ta' kopji stampati jiżdied b'500 u li jitqassmu fil-ħwienet kollha f'Tas-Sliema inkluz dawk fil-kumpless "The Point". Għandha ssir verifika mal-*ispecifications* tat-*tender doument* biex ikun verifikat jekk jistgħux ikunu stampati kopji zejda. Il-Kunsillier P. Pace ssekonda. Is-Sindku, Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, E. Cuschieri, M. Debono u P. Pace ivvotaw favur.

48.3.12 Kien innutat li l-*magazine* tal-Kunsill ma kienx qed jitqassam fit-toroq kollha. Il-Kunsill kien infurmat li dawn it-tip ta' lmenti jitressqu għal attenzjoni tal-kuntrattur responsabbli mit-tqassim tal-*magazine* tal-Kunsill.

48.3.13 Il-Viċi Sindku qal li kien hemm *cable* tad-dawl maqtugħ fi Triq San Girgor u li kien ta' perikolu għal pedonali.

48.3.14 Il-Kunsillier P. Pace staqsa dwar il-*parking bay* li kienet mizbugħa saret fi Triq Għar il-Lembi. Il-Kunsillier Y. Cali qal li fl-opinjoni tiegħu dan ma setax isir mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsill kien infurmat bil-process li sa minn dejjem intuza mill-amministrazzjoni tal-Kunsill f'cirkostanzi simili.

***Il-Kunsillier E. Cuschieri ġie skużat li jitlaq mis-seduta fit-8.20 ta' filgħaxija.***

*48.3.14.1* Il-Kunsillier Y. Cali qal li l-Kunsilliera għandhom jigu mgħarrfa minn qabel ma tiżdied jew titneħħa *parking bay* permezz ta' *email.* Il-Kunsilliera preżenti qablu ma dan. Il-Kunsillier Y. Cali ma jħossx li din il-*parking bay* imsemmija fi Triq Għar il-Lenbi għandha tibqa hemm. Is-Sindku talbet li l-Kunsill għandu jiddiskuti dan fis-seduta li jmiss ta' nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011.

48.3.15 Ġie nnotat li għad hemm residenti li ma mhumiex konformi mal-hinijiet tal-hrug tal-iskart. Il-Kunsill kien infurmat li l-*contracts manager* beda jwaħħal l-*istickers* fuq il-boroż ta' min qiegħed joħroġ l-iskart fil-ġurnata l-ħażina filfatt tagħna rendikont kif kien ġie mitlub.

*48.3.15.1* Is-Sindku qalet ukoll li kienet staqsiet l-uffiċċjal awtorizzat tas-sistema tal-infurzar tal-Ligi dwar dan u li kien infurma li dan ma kienx vijabbli.

## 48.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni: Skeda ta' Pagamenti

48.4.1 Is-Sindku ressqet tlett skedi ta' pagamenti għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill, liema skedi kienu ġew iċċirkolati mal-Agenda ta' din is-Seduta.

48.4.2 Is-Sindku qrat il-pagamenti kollha mill-lista tal-pagamenti li għadom ma nħarġux mill-Kunsill, kif ukoll dawk li kienu diga nhargu.

48.4.3 Il-Kunsillier M. Debono rrimarka dwar il-pagament lill-kumpanija Outlook bl-ammont ta' €1121 dwar il-*printing of stickers* fejn qal li din hija *direct order* mingħajr ma kien jaf il-Kunsill. Il-Kunsill kien infurmat li dan it-tip ta' *stationery* dejjem jigi ordnat minghand il-kumpanija Outlook u li qatt ma kien hemm xi problema kif qed jigi allegat. Kien ukoll ikkunsidrat li ix-xiri sar f'perjodu itwal minn erba xhur u ghaldaqstant ma kienx jikkostitwixxi fi ksur tar-regolamenti finanzjarji. Il-Kunsillier M. Debono irrimarka li kien hemm ħlas ieħor li kien se jkun għall-kumpanija Outlook dwar l-avviżi fil-gazzetti. Il-Kunsill ikkunsidra li tali avviżi se jiġu mħallsa direttament lill-gazzetti lokali u mhux lill-kumpanija Outlook. F'dan l-istadju, s-Segretarju Ezekuttiv qrat korrispondenza minghand il-kumpanija Outlook fejn ikkonfermaw li huma mhux sa jitolbu l-ebda hlas għad-diżinn tal-avviżi u tikkonferma li l-hlas tar-riklami irid isir diretamment lil gumali kkoncemati. ***"Doc B" anness ma' dawn il-minuti.***

48.4.4 Kien hemm qbil li għandha toħroġ sejħa għall-offerti minħabba l-kwantita ta' stampar ta' *stationery* li juza l-Kunsill.

48.4.5 Il-Kunsillier M. Debono ippropona li l-pagament lill-kumpanija Outlook ma' jitħallasx għax dan kien sar b'*direct order* li ma ġietx approvata mill-Kunsill. Il-Kunsillier Y. Cali issekonda. Il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, M. Debono u P. Pace ivvotw favur. Is-Sindku ivvotat kontra. Il-pagament ma ġiex approvat b'ħames (5) voti kontra.

Is-Sindku pproponiet li l-pagamenti kollha minbarra dak li ġie diskuss pagabbli lill-kumpanija Outlook, jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Y. Cali, M. Debono u P. Pace. Il-Kunsilliera M. Aquilina astjeniet. Ghalhekk il-lista ta' pagamenti li kienu għad iridu jinħargu, bl-eccezzjoni tal-pagament lill-kumpanija Outlook, giet approvata b'ħames (5) voti favur.

48.4.7 Is-Sindku pproponiet li l-iskeda ta' pagamenti maghmula jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekonda. Ivvutaw favur is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina, Y. Cali, M. Debono u P. Pace. Din l-iskeda kienet approvata bi qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti.

*Il-laqgħa ntemmet fid-8.50 ta' filgħaxija.*

***Seduta oħra ġiet imsejħa nhar il-Ħamis 6 ta' Ottubru, 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.***

**Johanna Gonzi**
**Sindku**

**Svetlana R. Curmi**
**Segretarju Eżekuttiv**

Minuti approvati llum 1 ta' Novembru 2011.
(jum) (data) (xahar)